MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 2407/1997/1

**Dr. Christopher Muscat**

**vs**

**Raymond Bugeja bhala Editur tal-Gurnal "The Malta Independent On Sunday"**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi permezz tal-istampa u cioe' fil-harga tal-gurnal "the Malta Independent on Sunday" tad-19 ta' Ottubru 1997 fil-pagna numru 52 il-konvenut, bhala editur addebita fatti inkriminanti u li jesponu lill-attur ghad-disprezz tal-

pubbliku u dan bi stampat, li hu ingurjuz, u infondat, u ghalhekk libelluz.

Illi l-pubblikazzjoni inkriminata tikkonsisti filli fil-harga tad-19 ta' Ottubru 1997, il-konvenut allega illi kien ser jittiehdu passi quddiem il-Public Service Commission kontra l-attur peress illi huwa kien qieghed jircevi zewg salarji meta fil-fatt huwa kien qed jokkupa kariga wahda.

Illi l-attur ghandu dritt jagixxi ghall-harsien tar-reputazzjoni tieghu, u konsegwentement tad-danni minnu sofferti minnhabba l-malafama moghtija skond il-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-pubblikazzjoni inkriminata tad-19 ta' Ottubru 1997, fejn il-konvenut allega illi kienu ser jittiehdu passi quddiem il-Public Service Commission kontra l-attur peress illi huwa kien qieghed jircevi zewg salarji meta fil-fatt huwa kien qed jokkupa kariga wahda u l-kliem miktub fil-konfront tal-attur, jikkostitwixxu malafama u ingurja kif previst fil-Kap 248 tal-ligijiet ta' Malta. L-attur qed jitlob ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tigi ffissata skond l-art 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

Illi l-kitba inkwistjoni tikkostitwixxi rapport korrett ta' fatti li graw u apprezzament dwarhom, liema kitba hija, u ghandha tkun, permissibbli f' socjeta' demokratika.

Illi l-korrettezza tal-fatti rappurtati giet sussegwentement ikkonfermata mill-konkluzjonijiet li hemm fir-Rapport ta' l-Awditur Generali, li kopja ta' estratt minnu qed tigi esibita.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat il-verbali tas-seduti mizmum mill-Assistant Gudizzjarju.

Semghat lill-attur u lix-xhud minnu prodott.

Semghat lill-konvenut u lix-xhieda minnu prodotti.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet responsiva tal-attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li tista tinghata s-sentenza:

Ikkonsidrat:

L-attur hass li gie malafamat u inġurjat bl-artikolu li deher fil-Malta Independent tad-19 ta’ Ottubru 1997 u konsegwentement qed jitlob li jigi dikjarat li l-pubblikazzjoni imsemmija tikkostitwixxi malafama u inġurja fil-konfront tieghu stante illi dan l-artiklu addebitalu fatti inkriminanti u li jesponu lill-attur għad-disprezz tal-pubbliku. Il-konvenut li, fiz-zmien in kwestjoni, kien l-editur tal-imsemmija gazzetta kkontesta t-talbiet tal-attur billi ssottometta li r-rapport in kwestjoni huwa dwar fatti li huma korretti u li l-korretezza tagħhom ġiet sussegwentament ippruvata mir-rapport tal-Awditur Ġenerali.

L-imsemmija eccezzjoni tal-konvenut hi regolata bl-artikolu 12 tal-Kap 248. L-oneru li jigi pruvat li l-fatti attribwiti lill-attur huma veri jinkombi fuq il-konvenut. Hu prinċipju assodat li l-iskop ewlieni ta’ gazzetta huwa li tippubblika informazzjoni. Sussegwentement, pero’, persuna li ssib ruħha mxandra għandha d-dritt li tipproteġi l-fama u r-reputazzjoni tagħha minn kitba li timmolestaha. Din il-kawza tista tirnexxi jekk jigi ppruvat li l-fatti addebitati mhux sostanzjalment veri u korretti fil-mument

ta’ pubblikazzjoni. A contrario senso, ma jkunx hemm responsabiltà da parti ta’ min ilissen id-diskors allegatament malafamanti jekk dan jipprova li tali kummenti huma marbuta ma’ fatti li jkunu sostanzjalment veri. Inoltre l-prinċipju legali huwa li l-kumment irid ikun “fair” u maghmul in buona fede. Il-kumment ikun hekk jekk il-fatti attribwiti huma vera (Vide Qorti tal-Appell - 24 ta' Novembru 2003 – “Anthony DeGiovanni bhala Sindku flimkien ma’ Alex Grima bhala Segretarju ghan-nom u in rappresentanza tal-Kunsill Lokali Fgura vs Mark Lombardo, Charles Bonello, Alfred Debono u John Zammit bhala Editur tal-gazzetta ‘In-Nazzjon Taghna’” u Qorti tal-Appell - 8 ta’ Gunju, 2001 - “Alfred E. Griscti vs Raymond Bugeja” - Qorti tal-Appell - 27 ta’ April, 2001 – “Lino Debono vs Saviour Balzan”).

Kwindi hu necessarju li l-Qorti tesamina jekk il-fatti fl-artiklu humiex ibbażati fuq fatti veri jew le. Biex jiġi stabbilit dan, trid issir analiżi tal-provi imressqa, jiġifieri ix-xhieda u d-dokumenti esebiti b’mod partikolari r-Rapport tal-Awditur Ġenerali, li jissemma mill-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu. Skond ix-xhud John Burlo’ (fol.72), il-“medical officer” li jissemma fl-“Audit Report” (fol.60) huwa fil-fatt l-attur Dr Christopher Muscat.

L-artikolu in kwestjoni jitkellem dwar in-nuqqas tal-attur li jagħti trattament mediku lill-priġunier li kien ibati minn uġiegħ f’żaqqu u f’dan ir-rigward l-artiolu jsemmi li kienu ser jinbdew proceduri dixxiplinari kontra l-attur. Dan il-fatt gie konfermat u mill-attur innifsu li xehed li kienu nbdew proċeduri fil-konfront tiegħu quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina dwar l-istess fatti, pero’, l-attur izid jghid li huwa ma nstabx ħati. L-attur jgħid ukoll li din is-sentenza ta’ nuqqas ta’ ħtija mill-Bord ta’ Dixxiplina ġiet ikkonfermata mill-Public Service Commission. Kwindi, f’dan ir-rigward, dak li gie rappurtat fl-artikolu in kwestjoni hu veru u ma hemm xejn inkriminanti u libelluż hawnhekk. L-istess artikolu jitkellem ukoll dwar il-fatt li t-tabib attur ġie “dismissed” mill-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin u aktar l-isfel jgħid illi huwa “is being replaced by a team of four medical officers.” L-attur ċaħad dan u qal illi huwa kien fil-fatt ġie “transferred.” Jissemmew, mix-xhud Wilfred Agius (fol.78), zewg ittri

wahda fejn id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin ġie infurmat bit-transfer tal-attur u l-ohra mid-direttur lill-attur biex jinfurmah dwar dan it-trasferiment. Dawn l-ittri jew kopji taghhom, pero' ma ġewx esebiti. It-tneħħija tal-attur mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin tirriżulta pero' mid-deposizzjoni ta-xhud Peter Cordina fol.94), li fiż-żmien in kwestjoni kien id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, jgħid li l-attur tneħħa bħala tabib tal-Faċilita Korrettiva. Jirriżulta ampjament mill-provi illi wara li ġie skopert x'kien qiegħed isseħħ, l-attur ma tħalliex aktar jokkupa l-post ta' uffiċjal mediku fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Kwindi f'dan l-aspett ukoll l-artiklu qiegħed jirrapurta fatti veri.

L-artiklu jitkellem ukoll dwar il-fatt illi l-attur "will also be facing charges before the PSC for receiving two salaries when officially he occupied one full time post." L-attur (fol.14) isostni li qatt ma ttieħdu proċeduri kontra tiegħu fuq l-allegazzjoni li kien qed jircievi zewġ salarji. F'dan ir-rigward l-ittra a fol.54 ma tagħmilx riferenza għal liema proċeduri mibdija kontra l-attur qed tittratta. Ix-xhud Peter Cordina (fol.93) ikkonferma li ma ttieħdux passi dixxiplinarji kontra l-attur u ma jafx x'kienet ir-raġuni għal dan. Għalkemm ma jidhirx li jirriżulta li ttiehdu xi proċeduri quddiem il-PSC kontra l-attur talli dan irċieva żewġ salarji, ghandu jigi osservat li l-artiklu in kwestjoni jispecifika li kienu ser jittieħdu proċeduri quddiem il-PSC kontra l-attur. Din hija asserzjoni ta' xi ħaġa li tista tigri fil-futur u kwindi hawnhekk ukoll ma jirrizulta xejn li hu invertier.

L-artiklu jgħid ukoll li l-attur irċieva żewġ pagi simultanjament għal tmintax-il xahar, wieħed bħala t-tabib tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u wieħed bħala tabib fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid meta ix-xogħol uffiċjali tiegħu kien ta' tabib tal-Ħabs. Jirriżulta li kien hemm ftehim fejn l-attur kellu jaħdem mal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kif ukoll kellu jagħmel xi night duties mal-Paola Health Centre (xhieda ta' Alfred Borg a fol.17 u l-ittra a fol.57). Pero', hawnhekk l-artiklu in kwestjoni jitkellem dwar żewġ pagi simultanji. Fil-fatt jirriżulta ampjament mill-provi illi l-attur kien qiegħed jagħmel "claim" għall-overtime doppju u fil-fatt tħallas għalih. F'dan ir-rigward tissemma ukoll l-investigazzjoni li għamel l-Awditur Ġenerali fol.63) dwar

sigħat ta' xogħol eċċessivi tal-uffiċjali mediku għal duty fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin u fiċ-Ċentru tas-Saħħa Raħal Ġdid. A fol 60 jirrizulta li l-investigazzjoni tal-Awditur Ġenerali kkonkludiet illi kien hemm sigħat tal-attendenza eċċessivi, kien hemm clashes fil-ħinijiet meta it-tabib kien f'żewġ postijiet fl-istess ħin, kien hemm diskrepanza fil-ħinijiet, kien hemm diskrepanzi bejn l-ammont imħallsa minn CCF u dawk rimborsati mid-Dipartiment tas-Saħħa u tnaqqis fil-pagamenti li għalihom ma ngħatata ebda spjegazzjoni. Ix-xhud Louis Cilia (fol 63) ikkonferma li l-attur kien jaħdem fil-Health Centre meta suppost dan kien qiegħed jaħdem fil-Ħabs. Xehed ukoll illi d-dipartiment tas-Saħħa ukoll ikkonferma illi dan kien qiegħed jitħallas darbtejn u ġie mitlub jagħti lura l-ħlasijiet żejda li sarulu. L-Audit Manager, John Burlo (fol 73), xehed illi l-attur għamel żewġ talbiet għall-istess overtime (waħda mill-Health Centre u l-oħra mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin) u fil-fatt tħallas darbtejn għall-istess overtime. L-istess xhud ikkonferma ukoll li fil-fatt l-attur ħallas lura xi ammont minn dawn il-ħlasijiet. Imbagħad a fol 93 Peter Cordina tkellem ukoll dwar dan il-ħlas doppju. Dan kollu ma jħalli ebda dubju illi dak li jgħid l-artiklu fir-rigward li l-attur irċieva żewġ pagi simultanjament huwa veritier.

It-titolu tal-artiklu huwa 'prison doctor faces court charges'. L-artikolu jkompli jghid li hu "likely that apart from proceedings before the PSC he will face charges in court." Dawn ukoll mhumiex kliem li jasserixxu fatt izda jikkontemplaw xi ħaġa li tista potenzjalment tigri fil-futur u kwindi zgur li dan ma jammontawx ghall-rappurtaġġ falz. Inoltre l-konvenut ikkonferma li saru l-verifiki kollha necessarji qabel ma gie pubblikat l-artikolu. Fl-opinjoni tal-Qorti l-konvenut nomine irnexxielu jressaq provi bizzejjed tant li rrnexxielu jipprova l-verita tal-fatti rappurtati. L-eċċezzjoni tal-konvenut nomine jisthoqqilha li tiġi akkolta stante illi l-fatti addebitati lill-attur fl-artikolu in kwestjoni ġew ippruvati u jista jinghad li l-kitba tirrispekkja l-verità. Konsegwentement it-talbiet tal-attur jimmeritaw li jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi, fit-tieni lik, tichad it-talbiet kollha tal-attur.

Spejjez kollha jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------